VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L 162 tal-2013

ATT DWAR IL-ĦABS
(KAP. 260)
Regolamenti tal-2013 dwar il-Ġurament tal-Kariga (Uffiċjali tal-Ħabs)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Ħabs, il-Ministru tal-Intern u tas-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2013 dwar il-Ġurament tal-Kariga (Uffiċjali tal-Ħabs).

Ġurament tal-Kariga ta' Uffiċjali ġodda tal-Ħabs.

2. (1) Qabel ma jibda' jaqdi dmirijietu meta jinħatar, kull uffiċjal tal-ħabs, jew li jkun imdaħħal mill-ġdid, għandu jieħu l-ġurament tal-kariga li hemm fl-Iskeda.

(2) Il-ġurament jittieħed u jiġi ffirmat mill-uffiċjali kollha quddiem persuna li jkollha s-setgħa kif imiss bil-liġi li tagħti ġurament jew quddiem id-Direttur.

Ġurament tal-Kariga ta' Uffiċjali li diġà qed iservru.

3. (1) Kull uffiċjal tal-ħabs li fid-data meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti ikun diġà fis-servizz għandu, sa mhux aktar tard minn tletin jum mid-data meta jiġu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, jieħu l-ġurament tal-kariga li hemm fl-Iskeda.

(2) Il-ġurament jittieħed u jiġi ffirmat mill-uffiċjali kollha quddiem persuna li jkollha s-setgħa kif imiss bil-liġi li tagħti ġurament jew quddiem id-Direttur.

SKEDA
Ġurament tal-kariga tal-Uffiċjali tal-Ħabs

"*Jiena …… solennement naħlef/niddikjara li nkun tassew fidili u leali lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha u li naqdi fedelment l-imsemmija Repubblika matul is-servizz tiegħi fil-Ħabs; bħala Uffiċjal tal-Ħabs, li noqgħod taħt kull Kodiċi, Att, Ordinanza, ordni u regolament li għandu x'jaqsam mal-Ħabs li hemm fis-seħħ jew li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu fis-seħħ u li naqdi d-dmirijiet kollha ta' Uffiċjal tal-Ħabs skont il-liġi, mingħajr biża' jew favuri, ġibda jew mibegħeda. (Hekk Alla jgħinni)*".
